MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 66/2012

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 240/12 prezentat fl-24 ta'Jannar 2012 fl-ismijiet**

**Cassar Fuel Limited**

**Vs**

**Salvu Zammit and Sons Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' 'Salvu Zammit and Sons Limited' u li bih wara li ppremettiet illi s-socjeta' rikorrenti giet notifika bil-mandat ta' sekwestru odjern;

Illi dan il-mandat ta' sekwestru inhareg mis-socjeta' Cassar Fuel Limited kontestwalment mal-prezentata ta' ittra ufficajli a tenur tal-artikou 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet

ta' Malta, liema ittra gia' giet kontestata mis-socjeta' esponenti;

Illi dan il-mandat sar sabiex Cassar Fuel Limited tikkawtela l-hlas tal-ammont ta' €5,111.62 rapprezentanti rifuzjoni ta' valur ta' fuel li allegatament hija irceviet anqas fuq il-bastiment taghha Sacro Cuor I minghand il-barge MT Mgarr tas-socjeta' esponenti;

Illi fl-ewwel lok tali talba mhijiex prima facie gustifikata. Dan ghaliex fl-operazzjoni ta' bunkering li saret u li kienet segwita mill-Ispettur Juan Sciberras irrizulta li s-socjeta' esponenti ghaddiet l-ammont ta' 300 metric tons ta' fuel u cioe' l-ammont ta' fuel li s-socjeta' Cassar Fuel hallset ghalih. Dan hareg mir-readings redatti u konfermati mill-istess Spettur Sciberras, li kopja taghhom qeghdin jigu hawn annessi u markati bhala Dokument SZ 1 sa SZ 3. Dawn huma r-readings li juru l-ammont ta' fuel li kellha l-barge tal-esponenti MT Mgarr qabel ma saret l-operazzjoni ta' bunkering u l-ammont rimanenti ta' fuel wara tali operazzjoni. In oltre l-istess kaptan ta' Sacro Cuor iffirma li l-Bunker Delivery Receipt minn fejn jirrizulta li effettivament huwa ircieva l-ammont ta' 300 metric tons ta' fuel. Kopja tal-ircevuta hija annessa bhala Dokument SZ 4;

Illi fit-tieni lok il-hrug ta' dan il-mandat sar b'mod frivolu u vessatorju da parti tas-socjeta' Cassar Fuel Limited u bhala ritaljazzjoni ghall-proceduri li kienu gew mehuda mis-socjeta' esponenti fuq kwistjoni kompletament separat mal-istess socjeta'. Difatti t-talba ghall-hrug tal-mandat odjern saret biss wara li l-istesss socjeta' Cassar Fuel Limited giet notifikata bil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fl-ismijiet Salvu Zammit and Sons Limited vs Cassar Fuel Limited (Mandat ta' Sekwestru Numru 11/2012) mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex). In-notifika tal-mandat 11/2012 saret fl-24 ta' Jannar 2012 u l-mandat odjern gie prezentat fl-24 ta' Jannar 2012. Kopja tal-mandat ta' sekwestru numru 11/2012 kif wkoll kopja tar-riferti relattivi qeghdin jigu annessi u markati bhala Dokument SZ 5 u SZ 6. Barra minn hekk kuntrarju ghal dak allegat mis-socjeta' Cassar Fuel Limited qatt ma kien hemm xi

intimazzjoni ghall-hlas u fil-fatt l-invoice ghall-hlas tal-ammont pretiz mis-socjeta' Cassar Fuel hija datata 23 ta' Jannar 2012, u cioe' seba' xhur wara l-allegat nuqqas . L-unika urgenza li kien hemm biex jinhareg dan il-mandat kienet sempliciment ghax l-istess socjeta' Cassar Fuel Limited giet notifikata bil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv tas-socjeta' esponenti;

Illi minghajr l-ebda ammissjoni li l-ammont indikat huwa dovut, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss jirrizulta li b'xi mod il-pretensjoni ta' Cassar Fuel Limtied hija fondata, m'hemm l-ebda riskju li tali ammont mhux sejjer jigi rifuz lis-socjeta' Cassar Fuel Limited f'kaz li l-istess socjeta' rikorrenti tottjeni titolu ezekuttiv ghall-ammont pretiz. Is-socjeta' esponenti hija socjeta' li ghadha pienament funzjonanti u li jkollha ghad-disposizzjoni taghha cash flow kontinwu minhabba n-natura tal-operazzjonijiet taghha ta' bunkering. Ghalhekk m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju fuq il-likwidita' taghha u ma tezisti l-ebda possibilta', lanqas remota, li hija ma tkunx fil-posizzjoni li tonera d-debiti taghha, dejjem jekk tali debiti jirrizultaw;

Illi ghalhekk hemm lok wkoll li s-socjeta' Cassar Fuel tigi kundannata thallas lis-socjeta' esponenti penali ta' mhux anqas minn €1,164.69 u mhux aktar minn €6,988.12 u dan a tenur tal-artikolu 836(b), (c) u (d) tal-Kap. 12;

Fid-dawl tal-premess u filwaqt li l-esponenti taghmel pienament riferenza ghall-artikolu 836 tal-Kap. 12 hija titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

(a) Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 240/2012 fl-ismijiet Cassar Fuel Limited vs Salvu Zammit & Sons Limited a tenur tal-istess artikolu 836(1) tal-Kap. 12;

(b) Tikkundanna lill-istess socjeta' Cassar Fuel Limited sabiex a tenur tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija thallas lis-socjeta' esponenti penali ta' mhux anqas minn €1,164.69 u mhux izjed minn €6,988.12 u dan in vista tar-ragunijiet elenkati fil-paragrafi (b), (c) u (d) tal-istess artikolu 836(8).

Rat id-dokumenti annessi mal-istes rikors a fol 4 sa fol 11 tal-istess atti.

Rat id-digriet Taghha preliminari a fol 12 tal-istess atti.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata (fol 18 et seq ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-

Illi r-rikors in kwistjoni huwa promos mill-kumpanija debitrici ghal zewg ragunijiet senjatament li mhux prima facie gustifikat u sekondarjament ghaliex il-kumpanija debitrici ghandha likwidita sabiex tissodisfa t-talba u li ghalhekk l-mandat huwa vessatorju.

Bir-rispett kif verbalment premess jirrizulta ampjament illi z-zewg kumpaniji huma kumpaniji li joperaw fis-settur tal-fuel u bejniethom dejjem esercitaw il-kummerc tant li l-esponenti gieli xtrat u gieli bieghet il-fuel lis-socjeta' debitrici.

Illi s-socjeta' debitrici talbet il-hlas ta' €3541.13 u ghogobha ukoll tesercita d-dritt taghha li tippresenta Mandat ta' sekwestru sabiex tithallas l-imsemmi ammont meta proprju dan ma kienx necessarju ghaliex s-socjeta' Cassar Fuels Limited kellha pretensjoni ben oltre din is-somma li hija kienet qed titlob lis-socjeta debitrici. Anzi talbet diversi drabi ghaliex il-partijiet kienu jitkellmu telefonikament bejniethom b'mod regolari sabiex tali ammont jigi pacut ma somma akbar fl-ammont ta' €5111.62 issa pretiz u dovut bil-konsegwenza li kull ma kellhu jsir huwa li jithallas biss id-differenza bejn l-ammont lis-socjeta esponenti.

Kien f'dan il-kuntest li d-debituri ippresentaw mandat ta' sekwestru fejn ibblokkaw l-operazzjonijiet tal-esponenti fuq €3541.53 li gew immedjatament ddepositati sabiex jithallsu lid-debituri.

1. Is-socjeta' esponenti galadarba s-socjeta debitrici ghazlet li ma tixtieqx tpaci u tnaqqas l-ammont lilha dovut esercitat d-dritt legali taghha, dritt li rrikorriet ukoll l-

kumpanija debitrici ai termini tal-Artikolu 829 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghti d-*dritt lil kull persuna minghajr ma hu mehtieg li qabel ikun hemm decizjoni, tqighed fiz-zgur il-jeddijiet taghha bil-mezz ta' wiehed jew izjed mill-atti kawtelotorji.*

Umilment jinghad illi dan ir-rikors tad-debitur huwa bir-rispett vessatorju ghaliex ma jistax jippresenta opposizzjoni ghall-mandat de quo meta l-istess socjeta' ghazlet li tippresenta mandat ta' sekwestru ghal somma ferm izghar min dak issa legittimament pretiz mis-socjeta' attrici u rrifjutat ripetutament li tasal ghall-kompromess jew li tnaqqas u tpaci parti mis-somma minnha dovut u thallas biss il-bilanc rimanenti.

Illi in effetti l-Bank Of Valletta permezz ta' Cedola ta' Depositu numru 907 ippresentata fl-14 ta' Frar 2012 in effetti iddepositat l-imsemmi ammont ta' €5111.62 sabiex jaghmel tajjeb ghall-eventwali likwidazzjoni wara s-sentenza opportuna. Illi dan id-depositu ma kellux jkun problema ghall-kumpanija li qed tivvanta li hija likwida u li ma tinkorri ebda effetti ghaliex tali ammont f'kaz illi s-socjeta' attrici ma tipprovax il-kaz taghha jigi rilaxxat lura. Umilment wiehed ma jistax jifhem il-motiv ghaliex qed jsir dan ir-rikors meta kienet hija stess li ppresentat mandat certament vendikattiv fuq €3541.53 biss meta kienet edotta li proprju f'dak iz-zmien u granet kienet ser tiddisturba operazzjoni tal-hlas ta' Tanker gdid li s-socjeta' kreditrici kienet qed tixtri, operazzjoni li kienet tinvolvi miljuni ta' euro. Jkun verament inopportun illegittimu u ferm kifer li jigu akkolti t-talbiet ta' dan ir-rikors meta s-socjeta' esponenti lanqas ma irritaljat ghal din l-azzjoni li kkawzatila imbarazz mal-banek u sid il-vapur li kienet qed tixtri u danni in kwantu interessi li kellha thallas sakemm iddepositat is-somma ta' €3541.53. Vessatorju aktar minhekk ma setax jkun. Di piu l-Artiklu citat 836 1© jispecifika rekwizit car li l-mandat jista jigi revokat jew mhassar jew ridott jekk tinghata garanzija ohra jew a. permezz ta' att kawtelatorju iehor jew b' garanzija ohra. Bir-rispett ma gew presentati ebda garanziji ohra alernattivi u fid-dawl illi l-ammont pretiz jinsab kawtelat permezz ta' cedola ta' depositu l-imsemmi mandat

kawtelatorju huwa necessarju sal-ammont pretiz sakemm tigi deciza l-kawza.

Jekk kif issa vvantat is-socjeta debitrici hija ghandha likwidita konsideravoli, fattur li s-socjeta' kreditrici certament ma tkunx edotta minnhu, wisq anqas fid-dawl li l-istess socjeta dehret li kellha bzonn u htiega li tirkupra ammont ta' €3541.53 minghajr dewmien, kollox jindika nuqqas ta' likwidita u mhux kif issa pretiz. Fil-kundizzjoni u atmosfera ekonomika presenti fid-dinja dawn il-fatturi ta' likwidita o meno ma tantx ghad ghandhom valur u kwindi ma jkun hemm xejn vessatorju li wiehed jesercita d-dritt tieghu sancit mill-Art 829 li jikkawtela d-dritt tieghu. Jesistu ukoll diversi fatturi kif d-debituri jistghu jinnegaw s-socjeta kreditrici l-hlas dovut stante li joperaw b'diversi kumpaniji u jkun facli ghalihom jitrasferixxu l-fondi sabiex ma jkunx hemm likwidita f'kaz li jigu ordnati jhallsu wara eventwali sentenza.

**2. Il-fattur tal-prima facie**

Il-fattur tal-prima facie bir-rispett kollhu lejn ir-rikorrenti socjeta' debitrici huwa ben azzardat ghaliex jezistu rapporti fil-pussess tal-partijiet esebiti in atti mahruga minn Surveyor Indipendenti inkarigat sabiex jissorvelja il-konsenja tal-fuel.

Il-procedura hija li qabel ma l-M/T Mgarr (Vapur tas-socjeta' S. Zammit and Sons Ltd) ikkonsenja l-fuel lil M/T Sacro Cuor I (vapur tas-socjeta' kredtirici) dan jitkejjel min surveyor indipendenti, li ukoll jkejjel il-vapur li jkun ser jircievi l-fuel. Wara li ssir il-konsenja is-surveyors jerghu jkejlu z-zewg bastimenti sabiex johorgu r-rapport taghhom u meta jiskontraw xi divergenzi jergghu jirrepetu l-kejl mill-gdid.

Isir ghalhekk kejl tal-vapuri wara l-konsenja sabiex jitkejjel b'mod fiziku dak li jkun gie effettivament ikkonsenjat.

Premess dan mhux biss jirrisulta prima facie izda b'mod ufficjali permess tar-rapport tas-surveyor Indipendenti accetatt u mhallas mill-istess partijiet u cioe Juan

Sciberras bhala Surveyor ta' Inspectorate Malta Limited li hareg immedjatement wara l-konsenja NOTICE OF APPARENT DISCREPANCY (Letter of Protest) fejn ikkonfema diskrepanza fil-konsenja tal-fuel suppost ikkonsenjat ta' 7.231 MT li jammontaw ghall-€5111.62 issa legitimanent mitluba bhala rimbors legittimu.

Prima facie zgur jesisti diskrepanza rraportata mill-imsemmi Surveyor indipendenti appositament ingaggat biex jirraporta fuq tali diskrepanzi. Dokument li kien ilu li gie kkonsenjat lid-debituri li b'nuqqas ta' lejalta anzi b'ingann ippresentaw sensiela ta' dokumenti ma dan ir-rikors ad eccezzjoni ta' din il-letter of protest li kixfet it-tentattiv tas-socjeta' debitrici li tinganna s-socjeta' kreditrici billi tikkonsenjala fuel anqas minn dak li jidher fuq il-fattura.

Dan essenzjalment mhuwiex biss prima facie izda essenzjalment il-mertu kollhu tal-kawza u kif ser jikkonferma is-surveyor indipendenti Juan Sciberras li rraporta d-diskrepanza ma hemm ebda validita tar-rifjut tar-rimbors sa mit-3 ta' Lulju 2011, kwndi ma jesisti ebda vessatorjeta fil-kawtela tal-hlas meta sa min Lulju 2011 kull ma kien pretiz huwa jigi pacut in parti l-ammont ta' €3541.53 mas-somma issa pretiza u jithallas il-bilanc rimanenti.

Mhux biss hekk izda l-kumpanija debitrici harget mandat ta' sekwestru 11/2012 sabiex tithallas dak dovut lilha minghajr ma taccetta ebda hlas jew tpacija ghar-rimbors risultanti b'mod tant elokwenti u cert mis-surveyor indipendenti Juan Sciberras li kkonferma diskrepanza fil-konsenja ta' 7.231 Mt ikkonsenjat anqas l-bazi legittima tal-kreditu issa vvantat fil-procedura.

Jkun ferm ingust li fid-dawl ta' dan kollhu illi din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talba tas-socjeta' debitrici li tirrevoka l-mandat odjern u addirittura tippenalizza lis-socjeta' kreditrici talli esercitat d-dritt taghha li tikkawtela kreditu u ghalhekk umilment jintalab illi l-imsemmi rikors jigi respint bl-ispejjes fil-konfront tas-socjeta' debitrici.

Bir-rispett.

Rat l-atti kollha tal-kawzi specjalment ix-xhieda ta' Juan Sciberras (fol 24 et seq ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-provi jirrisulta li s-socjeta' intimata ottjeniet il-hrug tal-mandat ta' sekwestru in esami (numru 240/12) kontra is-socjeta' 'Salvu Zammit and Sons Limited' u dan sabiex , abazi tal-artikolu 829 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tikkawtela l-pretensjoni taghha ghall-hlas ta' €5111.62 allegatament dovut bhala rifusjoni ta' valur ta' 'fuel' li allegatament irceviet anqas b'referenza ghaz-zewg bastimenti msemmija. L-istess mandat gie presentat flimkien ma ittra ufficjali skond l-artikolu 166A tal-istess Kapitolu 12 izda hawnhekk kienet saret id-debita kontestazzjoni tibbaza t-talbiet taghha kif ser jinghad:

a) il-pretensjoni tas-socjeta' intimata mhijiex 'prima facie' gustifikata;
b) il-mandat in esami inhareg b'mod frivolu u vessatorju u in ritaljazzjoni ghal proceduri ohra mehudin mis-socjeta' rikorrenti kontra dik intimat fuq kwistjoni separata.

Illi dwar <u>l-ewwel premessa</u>, din tidher li hi bazata fuq l-artikolu 836(1) (d) tal-istess Kapitolu 12 u li fih jinghad illi f'kaz li jintwera li l-ammont mitluba fil-mandat kawtelatorju ma jkunx 'prima facie' gustikat jew ikun eccessiv, tista' tintalab ir-revoka 'in toto' jew 'in parte'. Waqt li jigi <u>enfasizzat</u> illi hawnehekk il-Qorti tista' tara jekk 'prima facie' hemmx gustifikazzjoni tas-'sorte' specifikat fil-mandat l-istess Qorti f'dan l-istadju ma tistax tikkonkludi dwar jekk l-istess ammont hux dovut jew le ghas-semplici raguni li , dan ghandu jigi deciz, finalment, b'sentenza fuq il-meritu. Hawnhekk si tratta dwar jekk hemmx gustifikazzjoni in rigward l-ammont specifikat fil-mandat kawtelatorju dejjem fuq bazi ta' probabilta. Dwar l-istess premessa gie prodott is-'surveyor' <u>Juan Sciberras</u> (fol 24 et seq ibid) u minn dak li qal dejjem 'prima facie', jidher li u jista' jirrisulta li l-ammont specifikat, <u>jista'</u> jkun dovut,

s’intendi wara li jingiebu provi ohra fis-smiegh tal-apposita azzjoni.

Illi, dwar it-tieni kawzali, ma ingiebet ebda prova sabiex il-Qorti tkun tista’ tghid illi ma hux mehtieg illi s-socjeta’ intimata tuza mezz kawtelatorju sabiex tissalvagwarda kull dritt li jista’ jkollha. Wara kollox l-istess socjeta’ rikorrenti ghandha rimedju ohrajn skond l-artikolu 836 hawn fuq citat.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tichad it-talbet in esami waqt li tordna li l-atti kollha annessi ma’ dan ir-rikors jigu annessi ukoll ma’ dawk tal-kawza dwar il-meritu.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------